MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Numru 144/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**V**

**KEITH JOHN HARRINGTON**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEITH JOHN HARRINGTON** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Joseph u Monica nee Fenech, imwieled Portsmith fl-Ingilterra nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 1979 u joqghod 16, Fuq tal-Hawli, Birgu, detentur tal-karta tal-identita numru 461194M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2005 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar gewwa Santa Venera, ikkommetta serq ta' laptop computer tal-ghamla Toshiba mill-fond 'Tabone Computer Centre' sitwat fi Triq Salvu Psaila, Santa Venera ghad-dannu tad-dirigenti tl-imsemmija kumpanija, liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, tlieta w ghoxrin ta' Frar 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuza odjerna fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul din l-investigazzjoni sa mill-bidu nett meta huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita f'dawn l-atti markata bhala dokument C.

Semghet wkoll lil istess Prosekuzzjoni tghid li s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali u dan ghaliex r-res furtiva giet kollha ritornata lilha u llum tinsab f'posizzjoni li tirritornaha lil sidha legittimu.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c) u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz b'mod partikolari l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti markata bhala dokument A, minn fejn jirrizulta li l-imputat kien diga nghata cans sabiex jirriforma ruhu meta huwa nghata perjodu ta' probation ta' tlett snin fis-sena 1999 u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi l-piena idoneja hija dik ta' piena karcerarja sospiza.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c) u 271 tal-Kap 9 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat KEITH JOHN HARRINGTON hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmin xhur sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------